2025/2185

4.12.2025

REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) 2025/2185

tal-10 ta' Settembru 2025

li jemenda r-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2017/892 fir-rigward ta' ċerti proċeduri, il-kalkolu tal-valuri standard tal-importazzjoni u d-dazji tal-importazzjoni addizzjonali

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (UE) Nru 1308/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta ' Diċembru 2013 li jistabbilixxi organizzazzjoni komuni tas-swieq fi prodotti agrikoli u li jħassar ir-Regolamenti tal-Kunsill (KEE) Nru 922/72, (KEE) Nru 234/79, (KE) Nru 1037/2001 u (KE) Nru 1234/2007 ([1]) u, b'mod partikolari, l-Artikolu 174(1)(d), l-Artikolu 181(3) u l-Artikolu 182(1) u (4) tiegħu,

Billi:

(1) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2017/892 ([2]) jistabbilixxi regoli għall-applikazzjoni tar-Regolament (UE) Nru 1308/2013 fir-rigward tas-setturi tal-frott u l-ħxejjex u tal-frott u l-ħxejjex ipproċessati, inklużi regoli dwar is-sottomissjoni tal-applikazzjonijiet għall-għajnuna u dwar l-approvazzjoni tal-programmi operazzjonali. Ir-Regolament (UE) 2021/2115 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([3]) stabbilixxa regoli ġodda għall-programmi operazzjonali tal-organizzazzjonijiet tal-produtturi. Għalhekk, jeħtieġ li jitneħħew mir-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2017/892 id-dispożizzjonijiet li jifdal relatati mal-ġestjoni ta' tali programmi operazzjonali.

(2) Bil-ħsieb tas-simplifikazzjoni u t-tnaqqis tal-piż amministrattiv, jenħtieġ li l-iffissar tal-valuri standard tal-importazzjoni jsir kull ġimgħa. Il-valur standard tal-importazzjoni għandu jiġi kkalkulat abbażi tan-notifika tal-Istati Membri tal-kwotazzjonijiet irreġistrati fis-swieq tal-importazzjoni rispettivi.

(3) Għall-applikazzjoni effettiva tad-dazji tal-importazzjoni addizzjonali msemmija fl-Artikolu 182(1) tar-Regolament (UE) Nru 1308/2013, jeħtieġ li jiġu ssimplifikati ċerti dispożizzjonijiet ta' implimentazzjoni u li jiġu allinjati mal-Iskeda tat-Tariffi tal-UE tal-Ftehim tad-WTO dwar l-Agrikoltura.

(4) Peress li jistgħu japplikaw dazji tal-importazzjoni addizzjonali għal ċerti prodotti matul perjodi determinati, jeħtieġ li dawk il-perjodi jiġu riflessi kif stabbilit fl-Iskeda tat-Tariffi tal-UE tal-Ftehim tad-WTO dwar l-Agrikoltura. Barra minn hekk, il-kodiċijiet tan-Nomenklatura Magħquda tal-prodotti jenħtieġ li jiġu aġġornati wkoll, minħabba bidliet fil-klassifikazzjonijiet.

(5) Jenħtieġ li r-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2017/892 jiġi emendat kif xieraq.

(6) Il-miżuri previsti f'dan ir-Regolament huma f'konformita mal-opinjoni tal-Kumitat għall-Organizzazzjoni Komuni tas-Swieq Agrikoli,

([1]) ĠU L 347, 20.12.2013, p. 671, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2013/1308/oj.

([2]) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2017/892 tat-13 ta' Marzu 2017 li jistabbilixxi regoli għall-applikazzjoni tar-Regolament (UE) Nru 1308/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fis-setturi tal-frott u l-ħxejjex u tal-frott u l-ħxejjex ipproċessati (ĠU L 138, 25.5.2017, p. 57, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg_impl/2017/892/oj).

([3]) Ir-Regolament (UE) 2021/2115 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-2 ta' Diċembru 2021 li jistabbilixxi regoli dwar l-appoġġ għall-pjanijiet strateġiċi li għandhom jitfasslu mill-Istati Membri skont il-Politika Agrikola Komuni (Pjanijiet Strateġiċi tal-PAK) u ffinanzjati mill-Fond Agrikolu Ewropew ta' Garanzija (FAEG) u mill-Fond Agrikolu Ewropew għall-Iżvilupp Rurali (FAEŻR) u li jħassar ir-Regolamenti (UE) Nru 1305/2013 u (UE) Nru 1307/2013 (ĠU L 435, 6.12.2021, p. 1, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2021/2115/oj).

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2017/892 huwa emendat kif ġej:

(1) L-Artikolu 23 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"*Artikolu 23*

Talbiet għal rikonoxximent

Mingħajr preġudizzju għall-Artikolu 24, l-Istati Membri għandhom jipprevedu proċeduri għal talbiet għar-rikonoxximent ta' organizzazzjonijiet tal-produtturi u assoċjazzjonijiet ta' organizzazzjonijiet tal-produtturi.";

(2) fl-Artikolu 38, il-paragrafu 1 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"1. Għal kull prodott u fil-perjodi ta' applikazzjoni stabbiliti fil-Parti A tal-Anness VII tar-Regolament Delegat (UE) 2017/891, kull nhar ta' Tlieta l-Kummissjoni għandha tiffissa valur standard tal-importazzjoni għal kull oriġini.

Il-valur standard tal-importazzjoni għandu jkun ugwali għall-prezz rappreżentattiv medju ponderat imsemmi fl-Artikolu 74 tar-Regolament Delegat (UE) 2017/891 innotifikat mill-Istati Membri, nieqes ammont standard ta' EUR 5/100 kg u d-dazji doganali *ad valorem*.

Fil-perjodi ta' applikazzjoni stabbiliti fil-Parti A tal-Anness VII tar-Regolament Delegat (UE) 2017/891, il-valuri standard tal-importazzjoni għandhom ikunu validi mill-jum wara dak tal-pubblikazzjoni tagħhom sakemm ikunu ġew stabbiliti l-valuri standard suċċessivi tal-importazzjoni. Meta t-Tlieta jaħbat btala pubblika tal-Kummissjoni, il-valuri standard tal-importazzjoni għandhom jiġu ffissati fil-jum tax-xogħol li jkun imiss.";

(3) L-Artikolu 39 huwa emendat kif ġej:

(a) il-paragrafu 1 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"1. Jista' jiġi applikat dazju tal-importazzjoni addizzjonali kif imsemmi fl-Artikolu 182(1) tar-Regolament (UE) Nru 1308/2013 għall-prodotti u matul il-perjodi elenkati fl-Anness VII ta' dan ir-Regolament. Dak id-dazju tal-importazzjoni addizzjonali għandu japplika jekk il-kwantità ta ' kwalunkwe wieħed mill-prodotti mpoġġija fiċ-ċirkolazzjoni libera għal kwalunkwe wieħed mill-perjodi ta ' applikazzjoni stabbiliti f'dak l-Anness taqbeż il-volum tal-iskattar għal dak il-prodott għall-perjodu rilevanti.";

(b) fil-frażi introduttorja tal-paragrafu 3, il-kliem "wara d-data" hija sostitwita bl-espressjoni "mid-data";

(4) L-Artikolu 40 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"*Artikolu 40*

Ammont tad-dazju tal-importazzjoni addizzjonali

Id-dazju tal-importazzjoni addizzjonali applikat f'konformità mal-Artikolu 39 għandu jkun ekwivalenti għal terz tad-dazju doganali *erga omnes* speċifikat fit-Tariffa Doganali Komuni għall-prodott inkwistjoni.";

(5) fl-Artikolu 41, il-paragrafu 1 huwa emendat kif ġej:

(a) il-punt (a) huwa sostitwit b'dan li ġej:

"(a) oġġetti importati fil-qafas ta' kwota tariffarja mhux preferenzjali;";

(b) jiżdied il-punt li ġej:

"(c) oġġetti importati fil-qafas tal-iskema ta' preferenzi tariffarji ġeneralizzati skont ir-Regolament (UE) Nru 978/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (*).

(*) Ir-Regolament (UE) Nru 978/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Ottubru 2012 li japplika skema ta' preferenzi tariffarji ġeneralizzati u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 732/2008 (ĠU L 303, 31.10.2012, p. 1, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2012/978/oj).";

(6) L-Anness VII huwa sostitwit bit-test fl-Anness ta' dan ir-Regolament.

Artikolu 2

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, l-10 ta' Settembru 2025.

Għall-Kummissjoni
Il-President
Ursula VON DER LEYEN

ANNESS

"ANNESS VII

Prodotti u perjodi għall-applikazzjoni ta' dazji tal-importazzjoni addizzjonali msemmija fl-Artikolu 39

Mingħajr preġudizzju għar-regoli dwar l-interpretazzjoni tan-Nomenklatura Magħquda, id-deskrizzjoni tal-prodotti hija meqjusa li għandha valur indikattiv biss. Għall-finijiet ta' dan l-Anness, il-kamp ta' applikazzjoni tad-dazji addizzjonali jiġi ddeterminat mill-kamp ta' applikazzjoni tal-kodiċijiet NM.

Nru tal-Ordni	Kodiċi NM	Deskrizzjoni tal-prodotti	Perjodu tal-applikazzjoni
78.0015	0702 00 10, 0702 00 91, 0702 00 99	Tadam sħiħ, b'dijametru ta' mhux iktar minn 47 mm, Tadam ieħor f'għenieqed, Tadam ieħor	Mill-1 ta' Ottubru sal-31 ta' Mejju
78.0020			Mill-1 ta' Ġunju sat-30 ta' Settembru
78.0065	0707 00 05	Ħjar	Mill-1 ta' Mejju sal-31 ta' Ottubru
78.0075			Mill-1 ta' Novembru sat-30 ta' April
78.0085	0709 91 00	Qaqoċċ	Mill-1 ta' Novembru sat-30 ta' Ġunju
78.0100	0709 93 10	Qargħabagħli	Mill-1 ta' Jannar sal-31 ta' Diċembru
78.0110	0805 10 22, 0805 10 24, 0805 10 28	Larinġ taż-żokra, Larinġ abjad, Larinġ ħelu ieħor	Mill-1 ta' Diċembru sal-31 ta' Mejju
78.0120	0805 22 00	Klementini	Mill-1 ta' Novembru sal-aħħar ta' Frar
78.0130	0805 21 10, 0805 21 90, 0805 29 00	Satsumas, Mandolini u tanġerini, Wilkings ibridi oħrajn simili taċ-ċitru, għajr it-tanġerini, is-satsumas u l-klementini	Mill-1 ta' Novembru sal-aħħar ta' Frar
78.0155	0805 50 10	Lumi (*Citrus limon, Citrus limonum*)	Mill-1 ta' Ġunju sal-31 ta' Diċembru
78.0160			Mill-1 ta' Jannar sal-31 ta' Mejju
78.0170	0806 10 10	Għeneb tal-mejda	Mill-21 ta' Lulju sal-20 ta' Novembru
78.0175	0808 10 80	Tuffieħ	Mill-1 ta' Jannar sal-31 ta' Awwissu
78.0180			Mill-1 ta' Settembru sal-31 ta' Diċembru
78.0220	0808 30 90	Lanġas	Mill-1 ta' Jannar sat-30 ta' April
78.0235			Mill-1 ta' Lulju sal-31 ta' Diċembru
78.0250	0809 10 00	Berquq	Mill-1 ta' Ġunju sal-31 ta' Lulju

Nru tal-Ordni	Kodiċi NM	Deskrizzjoni tal-prodotti	Perjodu tal-applikazzjoni
78.0265	0809 29 00	Ċirasa, għajr iċ-ċirasa qarsa	Mill-21 ta' Mejju sal-10 ta' Awwissu
78.0270	0809 30 20, 0809 30 30, 0809 30 80	Ħawħ ċatt *(Prunus persica var. platycarpa)* u nuċiprisk ċatt *(Prunus persica var. platerina),* Nuċiprisk, Ħawħ ieħor	Mill-11 ta' Ġunju sat-30 ta' Settembru
78.0280	0809 40 05	Għanbaqar	Mill-11 ta' Ġunju sat-30 ta' Settembru"